MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 372/2010

Appell Numru: 372/2010

Il-Pulizija
Vs
Neville Mario Rizzo

Illum 11 ta' Lulju, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-15 ta' Lulju, 2008 gewwa l-Floriana u l-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi haga kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm100(€232.94) ghad-dannu ta' Lyanne Sant detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 433687M u persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus liema ammont jeccedi l-Lm100.00(€232.94) izda mhux iktar minn (€2,329.37) aggravat bil-valur, ghad-detriment ta' Lyanne Sant detentrici tal-karta ta' lidentita' bin-numru 433687M u persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi Neville Mario Rizzo assocja ruhu ma' Sarah Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 63891M bil-ghan li jaghmlu delitt;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghen jew assista lil Sarah Zammit fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

6. U aktar talli nhar it-28 ta' Awwissu, 2008 ghall-habta ta' l-11.00am u matul dawn l-ahhar xhur, gewwa rresidenza tieghu Rose, Triq Robert Farrugia Randon, Birkirkara kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina minghajr ma kellu awtorizzazzjoni skond il-Ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Awissu, 2010 fejn wara li rat is-sentenza taghha tal-24 ta' Gunju, 2009 u l-Artikoli 308, 309, 310, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; ikkundannat lil appellant ghal-piena ta' tmien xhur habs.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Awissu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellate blilli minflok piena ta' prigunerija, tordna illi l-appellanti jsegwi programm residenzjali permezz ta' liema dan jista` jibbenefika mill-ghajnuna professjonali hemm

hekk moghtija u dan mehuda l-provvedimenti kollha opportuni li jidhrilha xierqa u bzonnjuzi fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-umli opinjoni tal-esponenti u fid-dawl tal-problemi li minnhom ghaddej l-esponenti sejnatament il-problema tad-droga, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet harxa wisq meta ghaddiet sabiex tikkundanna lill-esponenti appellanti l-piena ta' tmien xhur prigunerija.

Illi l-aggravju ta' l-esponenti appellanti m'huwiex wisq il-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet konsiderazzjoni zbaljati tal-Ligi jew tal-fatti, izda huwa primarjament u principarjament rigwardanti l-fatt illi piena ta' prigunerija bl-ebda mod ma hija ser tghin lill-esponenti apopellanti. Wisq probabbli, din is-sentenza ta' habs iktar ser idahhal lill-esponenti appellanti fi problemi psikologici peress illi l-istess appellanti ghandu bzonn l-ghajnuna professjonali b'kura appozita kontra l-vizzju tad-droga sabiex dana jkun jista` jirriforma ruhu u jistrada hajtu fit-tirq it-tajba sabiex kemm jista` jkun huwa jirriabilita` ruhu u jzomm il-boghod mill-vizzju illi tant ghamillu hsara.

Illi fl-umli opinjoni tal-esponenti ikun hafna iktar ta' beneficcju ghalih illi minflok sentenza ta' habs dana jinghata sentenza li permezz taghha z-zmien ta' prigunerija jghaddieh f'programm bhala ma huwa dak tas-SATU sabiex iz-zmien ta' tmien xhur minflok ma jghaddieh il-habs minghajr ebda forma ta' ghajnuna dan jghaddieh isegwi program illi ghandu bhala ghan tieghu r-riabilitazzjoni ta' persuni li jabbuzaw mid-droga.

Rat il-verbal tat-18 ta' April, 2012 fejn il-Qorti ordnat li jsir pre sentencing report rigward il-kundizzjoni ta' l-appellant. Rat illi dan ir-rapport gie pprezentat u mahluf fit-28 ta' Frar, 2013.

Ikkunsidrat.

Illi permezz ta' Sentenza taghha ta' l-24 ta' Gunju, 2009 il-Qorti tal-Magistrati wara li sabet htija fl-appellant, ikkundannatu ghal Probation Order ghal perjodu ta' sentejn u ta' dan l-ghan gie mahtur John Testa bhala Probation Officer. Illi permezz ta' denunzja li saret mill-istess John Testa fid-9 ta' Marzu, 2010 fejn wera illi l-appellant ma obdiex id-direttivi tieghu li jattendi ghal-laqgha mas-Sedqa kif lanqas ma zamm mieghu l-appuntamenti wara l-ewwel smieh ta' l-istess denunzja minghajr raguni valida, il-Qorti wara li rat is-Sentenza taghha ta' l-24 ta' Gunju, 2009 fuq imsemmija, ghaddiet sabiex fil-5 ta' Awwissu, 2010 ikkundannat lill-appellant tmien (8) xhur habs. L-appellant hassu aggravat minn din id-decizjoni u l-agravju tieghu mhuwiex tant dwar il-fatt jew illi l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjoni zbaljata tal-Ligi, izda huwa primarjament u principalment rigwardanti l-fatt illi l-piena ta' prigunerija bl-ebda mod ma hija ser tghin lill-esponent appellanti, anzi se ddahlu fi problemi psikologici minhabba n-nuqqas ta' ghajnuna professjonali u kura appozita kontra l-vizzju tad-droga. L-appellant sahaq illi jkun aktar ta' beneficcju ghalih illi minflok Sentenza ta' habs effettiva dina tinghata Sentenza li permezz taghha iz-zmien ta' prigunerija jghaddieh fi programm bhal ma huwa dak tas-Satu biex fi zmien tmien (8) xhur minfolk ma jghaddih il-habs minghajr ebda forma ta'ghajnuna, jghaddieh taht programm li ghandu bhala l-ghan tieghu r-rijabilitazzjoni ta' persuni illi jabbuzaw mid-droga.

Ikkunsidrat.

Kien propju b'dan l-animu u sabiex il-Qorti jkollha rapport professjonali dwar il-vera sitwazzjoni ta' l-appellant illi ordnat pre sentencing report li gie pprezentat fit-28 ta' Frar, 2013. Dan ir-rapport pero' mhuwiex ta' xi konfort ghall-appellant, fejn minkejja kull opportunita illi giet moghtija lilu, l-appellant baqa' jabbuza b'mod kostanti mid-droga kannabis fl-ahhar zmien u anke naqas illi jzomm kuntatt mehtieg ma l-agenzija koncernata biex ikun indirizzat il-vizzju tad-droga. Naturalment f'dawn ic-

cirkostanzi l-Probation Officer irrakkomanda illi stante li l-appellant kien inaghta opportunita illi jirriforma ruhu b'Sentenza ta' ordni ta' probation liema ordni huwa nstab hati li kiser u peress illi ma kienx hem il-progress mehtieg u "commitment" minn naha ta' l-appellant il-Probation Officer irrakkomanda illi tkun konfermata s-Sentenza ta' habs effettiv.

Ikkunsidrat.

Ovvjament il-Qorti mhijiex sejra tinjora konkluzjoni bhal din. L-appellant inghata aktar minn opportunita wahda sabiex jirriforma ruhu u gie mqieghed ghad-dispozizzjoni tieghu l-facilitajiet kollha ta' agenziji specjalizzati sabiex jghinuh f'din il-problema illi ghandu. Kif ga inghad pero' l-appellant dehrlu li ma kellux jizzufruwixxi ruhu minn din l-opportunita, ma kkoperax lanqas fl-affarijiet l-aktar facli u cioe' illi jattendi ghal laqghat mal-persuni professjonali appuntati sabiex jghinuh. L-appellant kien jaf sew x'inhuma l-konsegwenzi ta' dan l-agir tieghu. Kien jaf illi kellu fuq rasu x-xabla ta' habs effettiv, izda minkejja dan xorta baqa' ghaddej bil-hajja tieghu u abbuza bid-droga xorta wahda. Din il-Qorti taqbel illi f'dawn ic-cirkostanzi peress illi l-appellant ma ghenx ruhu m'huwiex il-kaz illi din il-Qorti tkompli tghin lilu u taqbel perfettament mar-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------